KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 61** **Tlieta 23 ta' Mejju 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech – Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
George Borg – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Danny Farrugia – Kunsillier

**ASSENTI:**
Dott. Angele Rapa - Kunsillier

**MISTIEDNA:**
Accountant Daniel Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Farrugia. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Farrugia.

Fis 6:25 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 61.5.3 Quarterly Report 1: January – March 2023.

Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta MST 9059 - Malta
Tel: (+356) 27796000 • Email: mosta.lc@gov.mt

**61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti nru 59**

**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – Byelaw Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-ġnien ġiet approvata mid-DLG, iddaħħlet l-applikazzjoni mal-Lands Authority u qed nistennew l-approvazzjoni fejn issa jonqos li jiltaqgħa l-bord u wara napplikaw għal bye-law.
Is-Sindku nforma li skond l-liġi kurrenti l-ħlas massimu għad-devoluzzjoni huwa €500.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA u Tal-Ġeneral Co. Ltd.**

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mal-Ministru Stefan Zrinzo, fejn il-Ministeru ser jgħin dwar l-*issue* tal-ġibjun u ser jqabbdu perit strutturali biex isir rapport fuq il-kundizzjoni tas-saqaf, il-volum tal-ġiebja u jekk hemmx bżonn xi tindif xi jsir. Il-Ministru talab lis-Sindku biex jżomm il-PAMA *on-hold* għax ser jsir intervent mil-Public Works. Wara li jsir dak kollu neċessarju inkunu nistgħu nkomplu bil-proġett li ser isir bejn il-PAMA u l-Kunsill.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk is-saqaf tal-ġibjun ikun konfermat li hu f'kundizzjoni tajba strutturalment, il-PAMA jista' jibqa' jirrifjuta li jagħmel ix-xogħol fuq is-saqaf, li l-Perit tal-PAMA għandu dubju fih? Saret diskussjoni, fejn imbagħad sta għal arbitraġġ biex jiddeċiedi, jekk il-PAMA jibqa' jirrifjuta li jaħdem fuq is-saqaf. Is-Sindku semma wkoll li fl-Arbitraġġ irid ukoll jiġi deċiż il-valur li l-PAMA ser jonfqu fuq dan il-proġett minħabba l-fatt li l-prezzijiet tax-xogħol għolew u l-PAMA qed jikkonferma li l-valur li huwa maqbul mhux ser jinbidel. Dan ikun ifisser li l-Kunsill ikun irid joħroġ aktar fondi biex dan il-proġett isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat, li qed tibgħat estratti tal-minuti lil-avukat tal-Kunsill kull darba li jkun hemm *update.*

Fis 6:50pm waslet il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Marita Pace Dimech, u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu *item* 61.5.2, biex is-Sur Jesmond Gauci jieħu l-ġurament ta' Kunsillier.

**REF: 46.4.5 Kommunikazzjoni – Pjanti Triq Difiża Ċivili**

Il-Kunsillier Cassar nforma li diġà hemm kunsens bejn il-membri tal-Kunsill, li *bike-lane* fuq iż-żewġ naħat tal-pont m'għandux jkun hemm, għax qed jinħoloq *bottle-neck,* u għalhekk għanda titneħħa *bike-lane* minnhom.
Is-Sindku nforma li Infrastructure Malta (IM) informawh li tlett minuti *waiting time* hemm bħala traffiku.
Saret diskussjoni u l-Kunsillier Galea nfurmat li flimkien mas-Segretarju Eźekuttiv attendew laqgħa ta' konsultazzjoni (SUMP/SULP) fejn ġabu esperti min barra, biex jiżdiedu l-*bike lanes* biex jnaqqsu 10% mit-traffiku.

Tkompliet id-diskussjoni, u l-membri preżenti unanimament qablu li għanda issir talba lil-IM biex direzzjoni lejn in-Naxxar għandu jkun hemm *two-lanes* u *bike-lane,* filwaqt li direzzjoni lejn Difiża Ċivili għanda titneħħa l-*bike-lane*, u tkun *one-lane,* u jrid jkun hemm wkoll żebra *crossing.* Fil-fatt illum diġà hemm *żebra crossing.*

**REF: 46.4.15 Kommunikazzjoni – Elles Urban Services**

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li jixtieq jipproponi, li peress li hemm ċertu xogħolijiet ta' bankini u xogħlijiet oħra ta' *major patching* eċċ, issir estensjoni tal-kuntratt ta' Elles Urban Services u jaħdem bis-*subcontractor* tiegħu, u jibqa' bir-rati tat-tender, sakemm jinħareġ it-tender. Il-Kunsilliera qablu li ssir estensjoni ta' sena. Dan dejjem bl-aċċettazjoni tal-kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lis-Sindku biex issir laqgħa mal-konsulent ħa jinħareġ it-tender.

**REF: 49.3.8 Kommunikazzjoni: Notice**
Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) nfurmat li ser terġa tibgħat lil-Avukat tal-Kunsill biex imexxi bil-kawża, ta' l-eks l-impjegat Shaun Theuma Marshall peress li għadu ma ħallasx il-pagament dovut wara li nħarġitlu l-ittra legali.

**REF: 49.4.7 Bring-In-Sites**
Sindku nforma li għad ma lestiex il-pjanti tal-Bring-In-Sites, però ma jixtieqx jagħmilhom bla kameras. Kellu laqgħa, fejn l-ERA informaw lis-Sindku biex fondi għal-kameras jittieħdu min x'imkien ieħor u mhux mil-fond ta' l-ERA jekk hu possibbli ħalli bil-fond li l-Kunsill għandu mall-ERA, fond ta' madwar €75,000 isir proġett ambjentali.

Il-membri preżenti unanimament qablu, li l-Bring-In-Sites ma jsirux jekk l-ERA ma jipprovdux kameras ma kull lokazzjoni fejn jridu jsiru l-Bring-In-Sites.

**REF: 50.3.8 Summer Breaks min Xogħolijiet ta' Kostruzzjoni.**
Is-Sindku nforma li ġew approvati il-lista ta' toroq li ħa jkunu parti mis-Summer Breaks, ħlief għalissa fejn qed jsiru xogħolijiet ta' Infrastructure Malta (IM), jiġifieri l-pjazza, triq il-Kungress Ewkaristiku, triq il-Kostituzzjoni, triq il-Kbira u triq il-Bażilika. Dawn jidħlu fil-lista ta' toroq għal Summer Break għas-Sajf tas-sena 2025 meta l-proġett li jkun tlesta.

**REF: 50.3.10 Agreement RS2**
Is-Sindku nforma li l-RS2 nfurmawna li qed jistennew l-Awtorità ta' l-Ippjanar biex jinħareġ il-permess *(Executable Permit).* Il-Kunsill iffirma mall-RS2 is-sena l-oħra però l-RS2 għadhom mingħajr permess esegwibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat tfakkira.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li għadu qed jistenna l-BOQ's finali maqsumin, bis-sehem tal-fondazzjoni u s-sehem tal-Kunsill.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma l-ERA fejn hemm fond ta' €75,000, u talbu lis-Sindku biex jsib proġett ambjentali, għax dwar kameras fuq il Bring-In Sites, talbuh biex dawn jġibuhom min fondi jew skemi oħrajn jekk hu possibbli. Is-Sindku staqsa lil-ERA jekk nistgħux nużaw il-fondi billi nidħlu sħab fi proġett ieħor bħal ta' Project Green fejn il-Kunsill jrid joħroġ madwar 5% jew 10%, fejn rappreżentanti ta' l-ERA talbu li idealment jkun proġett waħdu, u mhux nidħlu sħab.
Għalhekk fuq din ir-risposta s-Sindku nforma lil-ERA dwar il-ġibjun ta' ġnien l-Għarusa tal-Mosta, fejn hemm bżonn manutenzjoni tiegħu, jissaqqaf u fuqu jsir belvedere, u hekk il-ġnien jkun jista' jissaqqa bil-pompi min dan il-ġibjun. L-ERA ikkonfermaw li proġett bħal dan jista' jkun ikkunsidrat, għalhekk ser issir laqgħa fuq is-sit ma' uffiċjali tal-ERA.

**REF: 52.5.4 Mosta Bridge Lighting – Under**
Is-Sindku fakkar li dawl taħt il-pont ma kienx approvat, u kif qabel il-Kunsill biex ma nitilfux il-fondi ser jsir id-dawl viċin il-pont jiġifieri fir-rampa ta' ġnien Vjal Ragusa, li qiegħed bejn Dawret il-Wied u triq Santu Rokku. Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mal-kuntrattur biex jġib stima dwar id dawl.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li qed issir l-emenda tat-test tal-abbozz legali mil-Avukat tal-Kunsill.

**REF: 53.3.2 Bicycle Racks**
Is-Sindku nforma li għad jrid jiltaqa' mas-Sur Joseph Gatt li huwa rappreżentant taċ-ċikliżmu.

**REF: 53.5.6 Infrastructure Malta Road Works 2023-2025**
Is-Sindku ta' *update* tat-toroq residenzjali li ser jibdew din is-sena 2023.
- F'Targa Gap: triq it-Trinkatur, triq Zmarrattur, u triq il-Kissier.
- Santa Margerita: triq il-Feniċi, triq Santu Rokku u triq il-Kartaġiniżi.
- Triq il-Mitħna, triq il-Mitħna l-Qadima, triq it-Torri, triq Ġużeppi Callus, triq Xorxa u parti min triq Ġlormu Cassar.
- Triq Alvaro de Sande u triq 9 t'April ser jsiru lejn l-aħħar tas-sena.

Il-Kunsillier Cassar talab lis-Sindku biex jiċċirkola din l-informazzjoni lill-knisja u l-għaqdiet, għax dawk jibdew jippreparaw għall-festa.

**REF: 54.4.4 UPDATE ĦARĠIET**
Il-Kunsillier Deguara nforma li fl-aħħar ħarġa li saret ġewwa l-ESPLORA attendew 60. Ħarġa li jmiss ser issir fil-25 ta' Mejju ġewwa l-Mużew tas-Santwarju ħaz-Zabbar.

**REF: 54.5.7 KLMT 03-2022 Provision of General Architectural Services to the Mosta Local Council**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-kumitat beda l-evalwazzjoni, u fakkret lis-Sindku għad jrid jibgħat ir-rendikont tal-*financial bids* li offrew il-*bidders* biex jintgħażel l-aħjar prezz, u dan it-tender jkun finalizzat.

**REF: 54.5.8 KLMT 04-2022 Light Bollards fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, Mosta**
Is-Sindku nforma li d-dwal bdew jeħlu u ser ikunu lesti sal-aħħar ta' Mejju.

**REF: 54.5.9 KLMT 05-2022 Provision of Insurance Services**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri tal-bord biex jibdew l-evalwazzjoni.

**REF: 54.5.15 Measure 4.3 Update Proġett San Pawl tal-Qlejja (Wied tal-Qlejja)**
Is-Sindku nforma li l-BOQ huwa ffinalizzat, u l-membri preżenti unanimament qablu biex jibda jinħadem it-tender u jkunu ċċirkulati l-BOQ finali u l-pjanta, u niċċekkjaw li c-*change request* ġiet approvata. Is-Sindku nforma li l-BOQ u l-pjanti diġà ġew ċċirkulati u approvati mill-Kunsill u ser jerġgħu jintbagħtu.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Is-Sindku nforma li laqgħa għada ma saritx biex il-monti li jarma fi triq Nicolo Isouard jersaq permanenti fi triq Patri Avertan Fenech, però s-Sindku ma jaħsibx li ser jikkooperaw. Huwa ser jibgħat email il-min jirrappreżenta l-bejjiegħa tal-monti biex jinbdew id-diskussjonijiet neċessarji.

Il-Kunsillier Cassar nforma li dan il-monti huwa bomba tal-ħin. Saret diskussjoni dwar it-tabelli fejn tal-LESA qed jagħtu ċ-ċitazzjonijiet skont it-tabelli. Dan mhux sew għax min qed jkollu tabella/kartuna fuq il-*windscreen* tal-vettura tgħid li tal-monti, mhux qed jiġu mħarrka.

Is-Sindku nforma li ser jmur jittawwal fuq il-post.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-impjegata l-ġdida bdiet nhar iz-17 ta' Mejju u sejra tajjeb.

**REF: 56.3.2 Applikazzjoni Triq Freddie Micallef**
Is-Sindku nforma li ċ-Ċermen ta' lis-*street naming committee,* ma qabilx li tinbidel parti minn triq id-Dawr, ċioe l-entratura tal-*Housing Estate* int u dieħel minn Vjal l-Indipendenza, għax din ser toħloq inkonvenjent lir-residenti biex jibdlu l-indirizz. Is-Sindku tenna li ma jaqbilx mall-proposta ta' li *Street Naming Committe* u ser jerġa jikteb lil dan il-kumitat rigward dan.

**REF: 56.3.7 KLMQ-01-2019 Youth Worker Service**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li għanda tkun mistiedna għal-laqgħa taż-żagħżagħ, imbagħad iżżomm il-Kunsill nfurmat dwar jekk hux ser nerġgħu noħorġu sejħa għal-*youth worker services.*

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Sindku nforma li l-proġett ġnien Reggie Cilia fil Mosta ser jiswa €1.7 miljuni, u għad irridu niġu nfurmati jekk is-sehem tal-Kunsill li jrid jitħallas, hux ser jkun 5% jew 10%. Il-proġett jrid jkun lest sa l-2025 u jrid jkun hemm konsultazzjoni li possibbilment din ser issir min Project Green, u l-proċess ta' *procurement* tat-tender jrid jsir mil-Kunsill. Spejjez tal-Perit u *Professional services* mhux ser jkunu rimborżati.

Minħabba li dan il-proġett ser iġib miegħu ammont sostanzjali ta' parkeġġi anqas, kien maqbul bejn il-kunsilliera qabel ma applikajna għal dan il-proġett ma *Project Green*, li t-telf ta' parkeġġ għandu jkun ikkumpensat billi jiġi ntrodott it-*Timed Parking* ħalli b'hekk il-parkeġġ idur kull siegħa. Rigward *timed parking* minħabba l-proġett, is-Sindku nforma li s-Sur Michael Cohen nforma li dawn qegħdin fil-*legal notice* 363.80*,* u fija hemm mniżżla l-irħula, u għalhekk it-*timed parking* jista' jiġi mplimentat skont il-lista li qed tiġi annessa bħala Appendiċi A.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu biex it-*timed parking* isir min Cauchi sa San Anard, (man naħa tal-każin Nicolo Isouard biss), u 18 il-spazju fil-parkeġġ tal-Pjazza. Għalissa parti min triq il-Kostituzzjoni u ż-żona ħdejn l-Lord Nelson mhux ser isiru minħabba li x-xogħolijiet infrastrutturali għadhom għaddejjin. Dawn it-toroq għandhom jiġu ntrodotti wara li jitlesta l-proġett tal-pjazza. Il-linji tal-parkeġġi ma jistgħux isiru b'kulur, iżda dawn il-parkeġġi għandhom ikunu ndikati b'tabelli skond l-avviż legali.

**REF: 56.3.10 Laqgħa Pubblika t'April**
Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lil membri presenti biex min għadu ma bagħatx ir-rapport amministrattiv 2022, jibgħatu mill-aktar fis.

**REF: 56.4.6 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li t-tentattiv huwa li l-*magazine* jinħareġ qabel Santa Marija. Għalhekk id-*deadline* hija sa nofs Ġunju.

**REF: 58.3.1 Cleaner għal-ufficini tal-Kunsill**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-applikazzjoni mid-DLG approvata u jonqos biss li nibdew il-proċess ta' ngaġġ.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Is-Sindku nforma li għad m'għandux *update* x'jagħti, dwar it-talba li saret mill-membri tal-Kunsill fl-aħħar laqgħa biex jkollna BOQ min Infrastructure Malta (IM) qabel ma jibdew ix-xogħolijiet ta' kull proġett li għanda, biex il-membri tal-Kunsill jkunu jafu kemm ser jiswew il-proġetti la issa l-BOQ's tal-proġetti ser jinbidlu.  Dawn huma importanti għax ser jaffetwaw l-ispiża li oriġinarjament il-membri tal-Kunsill kienu approvaw, kif wkoll għax ser jaffettwa l-fond tad-DPF, fejn Il-membri tal-Kunsill kienu qablu biex qabel ma jibda proġett titressaq l-istima fuq il-mejda tal-Kunsill.

**REF: 58.3.3 Latrina Pubblika**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ser jibda jinħadem it-tender għal-*toilet attendant,* bl-ispiża fis-sena tkun ta' €8,031 skond l-allokazzjoni ta' l-2023. Nkunu nistgħu nibdew nimplimentaw il-ħlas ta' 50c meta tkun approvata il *bye-law*, liema dettalji intbagħtu lill-Avukat tal-Kunsill biex jipprepara l-abbozz.

**REF: 58.3.6 Ingaġġ ta' Skrivan Skala 16**
Fuq din l-*item* is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lis-Sindku li tixtieq titkellem miegħu dwar dan l-ingaġġ.

Is-Sindku fl-aħħar laqgħa kien nforma lil-membri tal-Kunsill li tkellem ma l-accountant tal-Kunsill peress li dan l-ingaġġ jiddependi mill-finanzi.  L-accountant tal-Kunsill informa li biex ma jinqabisx il-*capping* tas-salarji, idealment  fadal post biss għal persuna skala 15, u għalhekk flok ser napplikaw għal żewġ skrivani fuq skala 16, ħa napplikaw għal skrivan skala 15.

Il-membri preżenti approvaw l-ingaġġ ta' skrivan skala 15 apparti ż-żewġ impjegati ta' skala 15 li diġà kien ħareġ tender.

**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nforma li t-Traffic Calming Measures fi triq il-Mitħna issa huma lesti.
Jonqos biss l-*issue* ta' *sleeping police* fejn is-Sindku qed jikkonsulta ma TM.

**REF: 58.4.4 Innovation Science in the City**
Il-Kunsillier Joe Gatt nforma li għal dan l-avveniment kien hemm attendenza tajba l-Ġimgħa u anke s-Sibt, fejn dan l-avveniment kien suċċess.

Il-Kunsillier Gatt nforma li kellhom jikru *extension*, u għalhekk staqsa jekk affarijiet bħal dawn jistgħux jixtrihom il-Kunsill, u jinżammu għal meta jkun hemm bżonn.  Il-Kunsillier Cassar nforma li kull kuntrattur jiġi bl-apparat tiegħu għax mhux kull apparat jaqbel ma kul *wire*, u għalhekk huwa l-kuntrattur li jrid jaħseb għal *extensions* u l-*cables* li jkollu bżonn, u staqsa lil-Kunsillier Gatt, għax ma jistax jifhem għalfejn talbu servizz ta' *wiring* ma kuntrattur u *supply* ta' *televisions* min kuntrattur ieħor.  Il-Kunsillier Gatt u Borg ħadu nota għall-futur.
Is-Sindku qal li peress li din l-attività kienet suċċess, għandna nippjanaw attività simili għas-Sajf.

**REF:59.3.2 Bankini**
Is-Sindku nforma li diversi bankini fi triq l-Għarusa tal-Mosta, triq it-Trincetta, fejn id-dar ta' l-anzjani,  r-*roundabout* ġewwa l-Housing u diversi biċċiet ta' bankini madwar il-Mosta ser jsiru mill-Elles Urban Services jekk dejjem dan jaċċetta.  Jekk dan ma jaċċettax dawn għandhom isiru mill-handyman tagħna Philip jew sub-contractor tiegħu.

**REF:59.3.3 Parks and Gardens – Housing**
Is-sindku nforma li ser nkunu kritikati, x'ħin naqalgħu is-siġar taċ-ċipress ta' maġenb il-ħwienet, u jippreferi kieku jħallihom hemm. Dawn ser jinqalgħu bil-permess ta' l-ERA, u ser jinżergħu siġar ġodda.

Saret diskussjoni u l-membri preżenti unanimament qablu li jsir tentattiv li fejn hu possibbli dawn jinżabru, mbagħad jekk jibqa' l-periklu jinqalghu aktar il-quddiem. Madankollu hemm xi wħud minnhom li bilfors iridu jinqalgħu.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL u l-Pont**
Is-Sindku fakkar dwar is-suġġerimenti li saru mil-membri tal-Kunsill fl-aħħar laqgħa biex fir-*roundabout* ta' quddiem il-LIDL, isir monument artistiku mill-istudenti ta' l-MCAST fejn il-Kunsill jipprovdi l-materjal, kif wkoll jsir *artistic feature* minn xi artist fir-*roundabout* ta' qabel il-pont imma din tkun sejħa għal-kulħadd.

Fir-rigward tal-monument fir-*roundabout* ta' quddiem il-LIDL, is-Sindku nforma li bagħat lil-MCAST, kellu laqgħa l-MCAST u anke bagħat tfakkira, imma għadu bla risposta.

Il-Kunsillier Cassar staqsa meta ser jsir il-kumitat dwar il-monument bħala *artistic feature* minn xi artist fir-*roundabout* ta' qabel il-pont, fejn is-Sindku nforma li l-kumitat jista' jkun magħmul mis-Sindku, mil-Kunsilliera Cassar, Camilleri, Profs. George Cassar, Raymond Cauchi, rappreżentat mil-Parroċċa u s-Sur Vince Dimech (artist).

Is-Sindku żied jgħid li dan il-kumitat jixtieq jużah wkoll għal-monument ta' l-Obelisk, fejn diġà tkellem ma xi wħud mill-banek Mostin u għandu talabhom €10,000 kul wieħed.

Il-Kunsillier Camilleri ser jieħu ħsieb jagħmel ma kuntatt mall-Profs. George Cassar, Raymond Cauchi, rappreżentat mil-Parroċċa u s-Sur Vince Dimech, biex jara humiex interressati u jibda jgħaqqad il-bord.

**REF: 59.3.6 Triq iz-Zejfa**
Parti kbira min din it-triq reġgħet ġiet asfaltata. Fadal l-aħħar parti fuq in-naħa ta' Jupiter però qabel jonqos isiru xogħol ta' trinek tal-Enemalta. Bħala trinek ta' l-Enemalta ser jibdew min triq iz-Zejfa u jgħaddu lejn triq Bistra.

**REF: 59.3.7 Triq Pantar**
Is-Sindku nforma li mil-lum sa nhar il-ġimgħa ħa ssir triq Valletta bit-tarmak, triq Pantar ser jibdew mir-*roundabout* ta' Ħ'Attard, u ħa tkun għal xi ħin *one-way* jew magħluqa sakemm jsiru x-xogħolijiet.

Il-Kunsillier Gatt staqsa għalfejn dawn ix-xogħolijiet qed jsiru f'daqqa, u s-Sindku nforma li dawn ix-xogħlijiet jiġu pjanati minn IM. Fl-aħħar mill-aħħar dawn huma xogħlijiet li huma neċessarji li jsiru.

**REF: 59.3.8 Triq Kostituzzjoni**
Is-Sindku nforma li lis-*storm water culvert* ġie approvat minn IM li jasal sal-pont fejn Casa Arkati, fejn is-Sindku stqarr li Fr. David informah verbalment, u l-mandat ġie mwieġeb min Infrastructure Malta (IM).

**REF: 59.3.9 - SPI/SCI/01/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024**
Is-Sindku nforma li fil-*weekend* bejn l-10 u 12 ta' Novembru ser ssir festa familja b'tema ta' San Martin fil-Mosta.

**REF: 59.3.10 - SPI/SCI/02/2023 Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li fl-aħħar laqgħa ressaqna l-kwotazzjonijiet għall-għamara biex jiżdied *shelving* tal-librerija, u nfurmat li l-ammont ta' €5,750 huwa eskluż VAT mhux inkluż VAT. €2,500 minnhom huma fondi li ser niġbru min skema tar-reġjun. Il-kumplament ser iħallashom il-Kunsill.

**REF: 59.3.11 - SPI/SCI/03/2023 Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil membri preżenti li għal din l-iskema fadal biex jintgħażel post, u data ta' l-għeluq hija il-Ħamis, 15 ta' Ġunju 2023, fejn għat irridu napplikaw.

Il-Viċi Sindku għanda titkellem ma l-Kunsilliera Bonnici, Galea u Farrugia, peress li l-Kunsillier Farrugia nforma li jista' jieħu ħsieb hu.

**REF: 59.3.12 - SPI/SCI/04/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati**
Is-Sindku nforma li din l-applikazzjoni ser jieħdu ħsieba l-*community police*, u qabel ma japplikaw jitolbu approvazzjoni lil-Kunsill.

**REF: 59.3.13 - SPI/SCI/05/2023 Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**
Is-Sindku nforma li għad irridu naraw għalxiex ser napplikaw. Is-Sindku fakkar li din l-iskema qed tkun imnedija b'somma globali ta' €120,000 fejn Kunsill Lokali jista' jibbenefika sa' massimu ta' €30,000 (inkluż il-VAT) għall-manutenzjoni u sostenn ta' proġett li jinsab eliġibbli. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 25 ta' Awwissu 2023

**REF: 59.3.15 Mosta Community Services fi ħdan l-FSWS**
Il-Kunsillier Borg f'isem il-Kunsillier Farrugia nforma li l-laqgħa ser ssir nhar is-7 ta' Lulju, fejn is-sala ser tingħata b'xejn u talab flus għar-*refreshments.*
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li s-Sur Farrugia kellu jipprovdi baġit. Il-membri preżenti approvaw baġit ta' €250.

FId-9:00pm il-membri preżenti qablu biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa, sad 9:30pm.

**REF: 59.5.1 Update - Development Funds as at 11.04.2023**
Is-Sindku nforma li issa għanda l-valuri bl-eżatt, u għalhekk l-istima tal-pjazza, il-parti tal-paviment, parti f'nofs it-tarmak u biċċa oħra paviment fejn illum ingħaqdet sħiħa tammonta għal stima ta' €1,287,997.84 li tinkludi 5% kontinġenza. Min din l-istima, dik il-parti tat-triq li ser issir mil-MTA b'somma ta' €555,753.98 li għadha mhux uffiċjali, u l-kumplament tal-bankini jsiru mill-Kunsill. L-ammont li ser jitħallas mill-fondi tad-DPF, li oriġinarjament kien €600,000 issa juwa €732,243.86. Dawn il-figuri huma kollha eskluż VAT.

Dwar id-Development Planning Fund (DPF), is-Sindku nforma li talab *update* lil Enzo Cachia.

**REF: 59.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Sindku nforma li ntbagħtet imejl lid-dipartiment tal-Kuntratti għal kjarifika, u bagħatha wkoll il-kuntratt tal-*handyman,* fejn it-tweġiba kienet li *sub-contracting* jista' jsir 100% skond il-liġi. Il-Kunsillier Cassar staqsa bħala eżempju, jiġifieri kuntrattur li jagħmel il-pasti, jista' jmur jagħmel triq? Is-Sindku nforma li wieħed jista' japplika għal kull tender, imma ovvjament jista' jqabbad lil ħaddieħor li għandu s-sena tat-toroq. Dan hu permissibbli mid-Dipartiment tal-Kuntratti. L-esperjenzi meħtieġa jistgħu jkunu tas-*sub contractor* li ser jagħmel ix-xogħol u mhux neċessarjament tal-kuntrattur li jkun ħa t-tender.

Dwar *works orders* huwa l-idejal li jkun hemm il-prezz, imma bosta drabi mhux dejjem jkollna prezz f'idejna mod speċjalment meta jkun xogħol li jrid jitkejjel. Bejn l-idejali u l-obbligu hemm differenza però mhux obbligati li jkun hemm il-prezz fuq il-*works order*. Madankollu jekk ikollna l-prezz huwa tajjeb li jitniżżel fil-*works order.*
Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 59 u 60. Minuti Numru 60 ma kienx hemm peress li l-laqgħa ġiet posposta.

**61.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**61.3.1 Kungress Ewkaristiku**
Is-Sindku nforma li bagħat fil-*whatsapp chat* tal-Kunsilliera, it-*traffic management* kif ser jkun, li nhar il-ħadd bil-lejl ser tingħalaq bi preparamenti għat-tnejn fil-għodu, u x-xogħol ser jdum madwar sitt ġimgħat. Fil fratemp is-Sindku ser jiċċekkja dwar il-*bus stop* ta' triq Bażilika.

**61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li bagħat imejl, dwar toroq li hemm bżonn jinbidlu xi ismijiet, bħal triq it-torri li hemm bżonn tinqasam. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat l-email lit-*traffic management committee,* u lil-Kunsilliera Deguara u Camilleri.

**61.3.3 Community Police**
Is-Sindku nforma li l-*community police* bdew jużaw il-kamra ta' fejn il-*boardroom*, fejn eventwalment ser jinżlu l-għassa, għax qed jkun preparat uffiċju hemm għalihom. Is-Sindku nforma wkoll li qed jipprova jieħu l-kamra li għandhom il-GEB Landscaping u minflok offra il-kamra li hemm fi ġnien 15 t'Ottubru, Żokkrija li qed tintuża minn xi individwi li jmorru jitolbu. B'hekk il-kamra li hemm fejn is-servizz.gov jeħodha l-Kunsill. Is-Sindku informa li qed jaħdem fuqha, u jekk jkun hemm qbil, kull ma rridu nagħmlu huwa t-*toilets* iz-Zokrija.

**61.3.4 Skrapjar ta' Vetturi**
Is-Sindku nforma li tkellem mal-*community police* biex fejn hemm vetturi b'avviżi sofor li baqgħu hemm dawn jitneħħew, uħud minnhom mkissrin. Illum hawn kumpaniji li jiġbru dawn it-tip ta' vetturi u jħallsuk u mhux tħallas int.
Saret diskussjoni u s-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex titlob proposti min kumpaniji ta' l-iskrappjar.

**61.3.5 Claims**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-bord evalwa l-*claims* kollha. Claim minnhom l-bord nduna li hemm missier u iben li applikaw bosta drabi, u għalhekk il-bord iddeċieda li dawn il-*claims* mhumiex veritieri. Il-Kunsillier Cassar nforma li minkejja parti mil-proċess huwa li jintalbu d-dokumentazzjoni, jista' jmur kulħadd jagħmel rapport, imma l-pulizija l-anqas jaraw il-vettura. Għalhekk, l-Kunsillier Cassar nforma wkoll li ser tintbagħat imejl lil-għassa biex ir-rapporti jkunu aktar preċiż għax qed jkun hemm li żbalji. Il-Kunsillier Cassar nforma li ma ġewx

approvati tlett *claims,* fejn kien hemm inkonsistenzi. Dawk li ġew approvati, huma seba' li jammontaw għal €841.50 bi tnaqqis ta' 10% għal-*wear and tear.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li ra artiklu fil-gazzetta, fejn il-Mosta hija l-lokalità li jkollha *claims,* allura jekk wieħed jkun jaf jittantaw xortihom. San Gwann, is-Segretarju Eżekuttiv ma jħallasx għal dawn it-tip ta' *claims.*

Il-membri preżenti approvaw ir-rapport tal-bord.

**61.3.6 Mosta Bus Stops**

Is-Segretarju Eżekuttiv li ntbagħtet imejl lil Kunsilliera dwar fejn dawn fl-aħħar xhur, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kienet għaddejja b'diskussjonijiet mal-awtorità tat-Trasport, kif ukoll iż-żewġ kuntratturi li kienu qed jinstallaw il-*Bus Shelters,* Faces Ltd u 356 Ltd.
Id-diversi laqgħat wasslu sabiex fl-aħħar intlaħaq ftehim dwar it-triq 'il quddiem dwar is-suġġett u ġie draftjat kuntratt li ser jiġi iffirmat bejn il-partijiet imsemmija hawn fuq.

Għal dan il-għan, l-Assoċjazzjoni qed titlob lill-Kunsilli sabiex mill-ġdid jagħtu delega tagħhom sabiex dan il-ftehim ikun jista' jiġi iffirmat.

Fil-qosor, il-ftehim qed jgħid li;

- L-Awtorità tat-Trasport qed tagħraf li r-responsabbiltà tal-*Bus Shelters* hija tal-Kunsilli Lokali,
- Il-*Bus Shelters* li ġew installati minn 356 Ltd ser jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom anki għal fini ta' manteniment u tindif,
- Il-Kunsilli Lokali li fihom hemm *Bus Shelters* li ġew installati minn 356 Ltd qed jaċċettaw u japprovaw dawn l-istess *Bus Shelters*,
- 356 Ltd qed jaċċettaw li jinħallu mill-Kuntratt li għandhom mal-awtorità tat-Trasport u allura ma jibqgħux jinstallaw *Bus Shelters*,
- Faces Ltd ser ikompli bl-installazzjoni tal-*Bus Shelters* kollha li għalihom issir talba mill-iffirmar ta' dan il-ftehim 'il quddiem u jagħmel il-manutenzjoni kollha,
- L-Awtorità tat-Trasport qed tagħraf li tikkomunika mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kull darba li jkun meħtieġ dwar is-suġġett u fuq kull natura miegħu,
- Jaqgħu il-kawżi li hemm bejn il-partijiet kollha u l-Kunsilli Lokali,

Il-membri preżenti approvaw li tiġi ffirmata d-delega sabiex l-AKL jkunu jistgħu jibdew bil-proċess tal-installazzjoni ta' *Bus Shelters* li hemm domanda għalihom. Naturalment dan se jsir wara diskussjonijiet ma' Faces Ltd sabiex jiġu stabbiliti l-urġenzi pendenti li hemm.

**61.3.7 Abseiling Anchors**

Is-Sindku nforma li lis-scouts ħallsu għal-ispejjeż biex installaw l-*abseiling anchors,* fejn is-Sindku talabhom stima għax dehrlu li dawn għandhom jitħallsu mill-Kunsill, liema spejjez jammontaw għal €690.48. L-iscouts qed jitolbu wkoll li jitħallsu għaċ-ċertifikazzjoni u s-Sindku ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jħallas taċ-ċertifikazzjoni wkoll, għax dawn qed jintużaw minnhom. Madankollu issemma li hemm aktar għaqdiet li jagħmlu *abseiling* fosthom anke l-armata.

Saret diskussjoni fejn ġie ssuġġerit li jew jitħallas kollox mil-Kunsill u ssir bye-law bil-prezzijiet ta' l-*abseiling*, jew l-iscouts jagħmlu *fee* u kull min juża l-*anchors* jrid jħallas xi ħaġa lil l-iscouts. Tkompliet id-diskussjoni u l-membri preżenti qablu li l-Invoice u ċ-ċertifikazzjoni jitħallsu mill-Kunsill u ssir bye-law bil-prezzijiet ta' l-*abseiling,* fejn lis-scouts tal-Mosta jkunu eżentati.

**61.3.8 Fire Engine**
Il-membri preżenti qablu li bħas-snin ta' qabel il-*fire engines* tal-festa inkluż tal-Bidnija, jitħallsu mill-Kunsill.

**61.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**61.4.1 Għajnuna lil-Għaqdiet bil-ħlas tal-Wardens.**
Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet x'ser jiġri mil-€250 li kienu jingħataw lil-għaqdiet bħala għajnuna meta jkun hemm bżonn *wardens.* Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li l-Kunsill kien iddeċieda li din issir bi prova għas-sena 2022, u fir-rapport tal-NAO ġibdulna l-attenzjoni fuqa.

Estratt mir-rapport tal-NAO:

> *With respect to the following instances, kindly explain on what basis the council approved such payments, especially when a deficit was reported as at end of financial year 2021. Aren't these perceived as a donation given that the goods/services provided are not directly related to the council's operation*s?

**61.4.2 Użu ta' Parkeġġ fl-Iskejjel**
Il-Kunsilliera Borg, nforma li rċevejna draft ta' l-*agreement* dwar il-parkeġġ ta' l-iskejjel Mosta Zokrija Secondary School - Maria Regina College, li ser jkun iċċirkolat mal-Kunsilliera għal-*feedback* tagħhom.

**61.4.3 Dog Bins**
Il-Kunsilliera Gatt, staqsa meta ser jsiru id-*dog bins.* Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li ma jistax jkun hemm *dog bin* f'kull kantuniera, għalhekk bħala Kunsilliera responsabbli mil-indafa, talbet lil-Kunsillier Gatt biex jgħidilha l-lista, u tara fejn hemm bżonn jsiru.

**61.5 Rapporti**
**61.5.1 Update - Development Funds as at 16.05.2023**
Bi żvista l-*update* tal-lista tad-*Development Funds*, ma ngħatatx lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa, bħalma ssir f'kull laqgħa, imma hija l-istess bħal l-*update* li ngħatat fil-laqgħa tal-11 t'April 2023.

**61.5.2 Kummissarju tal-Ġustizzja jagħti l-ġurament lil-Kunsillier Jesmond Gauci**
Il-Kunsillier Gauci ħa l-ġurament ta' Kunsillier.

**61.5.3 Quarterly Report 1: January – March 2023**
L-accountant tal-Kunsill is-Sur Galea ippreżenta l-*quarterly report* minn Jannar sa Marzu 2023.

Dħul u ħruġ tal-Kunsill fuq natura rikorrenti
- Dħul €413,057 u Ħruġ €651,649, jiġifieri fl-ewwel kwart tas-sena l-Kunsill qiegħed b'*deficit* ta' €238,592. Dettalji qegħdien f'*note 1,* fejn qegħdin *in-line* mal-baġit. Ta' min jinnota li min din is-sena qabel konna nibgħatu *invoice* lil-Wasteserv tal-

ġbir tal-borża l-bajda (skart organiku), li din issa qegħda f-idejn ir-reġjun tramuntana.

- Bħala salarji qeghdin *in-line* mal-baġit fejn fl-ewwel kwart in-nefqa kienet ta' €78,363.

- Fejn jidħol manutenzjoni tal-lokalità, hemmhekk hemm qabża sostanzjali fejn il-baġit allokat għas-sena 2023 huwa ta' €1,125,600, u fl-ewwel kwart diġà nfaqqna €502,329. L-ikbar spiża qegħda fir-*Repairs and Upkeep* fejn qed jsir *patching* estensiv fil-lokalità.

Bħala baġit qegħdin *in-line,* imma fejn jidħlu l-ispejjeż ta' *Repairs and Upkeep* u *Professional Fees,* l-*accountant* tal-Kunsill ġibet l-attenzjoni, illi nofs l-ammont ibbaġitjat għas-sena 2023, intefaq fl-ewwel kwart tas-sena.

Jekk wieħed jħares lejn is-sitwazzjoni akkumulata sa l-aħħar ta' Marzu l-FSI huwa ta' 23%, fejn il-*working capital* niżel għal €338,288. L-*accountant* fakkar li l-Kunsill jrid jżomm ma FSI ta' minimu ta' 10%.

Il-Kunsillier Cassar staqsa lil-*accountant* jekk il-baġit jistax jkun rivedut, fejn l-*accountant* ikkonferma li iva jekk il-Kunsill japprova. Il-Kunsillier Cassar qal li l-baġit jrid jkun rivedut għax l-ispejjeż tar-*Repairs and Upkeep* żgur ser jammontaw għal ammoint akbar milli dak maħsub. L-*accountant* ikkonferma li diġà qegħdin ħafna mil-baġit allokat, u dan jista' jaffettwa l-*cash flow.*
Il-Kunsillier Cassar nforma li fejn jidħlu spejjez amministrattivi, dawn wkoll jridu jkunu riveduti, fejn l-*accountant* ikkonferma wkoll li ma dawn hemm wkoll il-*professional fees.*

Is-Sindku staqsa jekk il-baġit jistax jitranġa aktar il-quddiem minħabba li hemm numru ta' invoices ta' xogħlijiet għadhom mhux preżentati lill-Kunsill. L-*accountant* tal-Kunsill nforma li jkun għaqli li r-reviżjoni tal-baġit ma jdumx ma ssir, biex il-Kunsill jkun jaf fejn qiegħed.

Is-Sindku nforma lil-*accountant* biex naraw l-ewwel kontijiet li ser jitħallsu tal-ġbir ta' skart nazzjonali, għax milli qed jikkalkula l-Kunsill għandu jiffranka madwar €100,000 mingħajr il-ġbir addizzjonali. L-*accountant* ikkonferma li din is-sitwazzjoni qed jinnota f'Kunsilli oħra. Jekk hu l-każ inkunu nistgħu nużaw dan l-ammont gwadanjat fuq *Repairs and Upkeep.*

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet liema huma dawk li jaqaw taħt *hospitality* għax diġà nfaqqna l-fuq min €7,746 min dak ibbaġitjat. L-*accountant* nforma li dawn huma attivitajiet li jsiru fil-lokalità.

Il-Kunsillier Cassar nforma li mhux kontra li jsir ix-xogħol, imma mportanti li jkun rivedut l-baġit biex nagħtu stampa ċara u naraw kif qegħdin ma dak li l-Kunsill pjana.

Is-Sindku nforma li l-aħjar baġit jkun rivedut fit-tieni kwart għax għad hemm bosta *works orders* li għadhom mhux ikkwantifikati. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet fakkret biex nżommu mal-baġits kemm jista' jkun, u li mportanti li ma nonfqux aktar milli għanda minħabba l-*cash flow.*

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li għad fadal wkoll xi flus x'niġbru min proġetti tad-Development Planning Fund (DPF), fejn qabel li kien qed jiġri huwa li l-Kunsill, bil-ftehim li saru qabel, kien qed joħroġ is-70% u DPF kienu jagħtuna it-30%, allura qed ndumu biex niġbru is-70%. Issa wara li s-Sindku għamel laqgħa rigward din il-problema, ġejna nfurmati li għal kuntratti futuri nkunu nistgħu niffirmaw u nistipulaw li l-*payment terms* jkunu favur il-Kunsill, fejn nirċievu l-fondi min qabel, u kull ma jżommu tad-DPF huwa l-10% għas-*certification.* B'hekk il-Kunsill ma jiġix f'sitwazzjoni problematika ta' *cashflow.*
Il-Kunsillier Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv nformaw li qatt ma ġew nfurmati b'dawn il-*payment terms,* imma kien jiġi preparat il-kuntratt mil-Awtorità ta' l-Ippjanar u jibgħatu għalina flimkien ma Kunsilli oħra biex niffirmaw.

Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk il-flus li l-Kunsill għandu jiġbor humiex *accounted for,* fejn l-*accontant* nforma li f'*note 12* hemm *provision* ta' €458,723. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li minkejja li l-FSI jista' jkun tajjeb nistgħu niġu f'sitwazzjoni problematika ta' *cashflow* u għalhekk huwa talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiġbor lista dettaljata ta x'għandu xi jdaħħal il-Kunsill minn kull sors, DPF, Reġjun, eċċ… u niġru wara dawn biex nitħallsu minnufih. Huwa semma li din hija prijorità u talab lista għal-laqgħa li jmiss ta x'Irridu niġbru flus minn terzi.

Ma kienx hemm aktar domandi u l-membri preżenti approvaw Quarterly Report 1: Jannar sa Marzu 2023.

**61.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**61.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 139.
Il-membri tal-Kunsill approvaw.

**61.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**61.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders*.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**61.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-listi tal-*petty cash* li jkopru xahar ta' Jannar 2023. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**61.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:45pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-20 ta' Ġunju 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 23 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |